**5 ta' Marzu, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Salvu Galea

**Digriet Interlokutorju – Inappellabilità**

*L-espressjoni "digriet interlokutorju" għandha sens ampju u*

*tikkomprendi kull xorta ta' pronunzjament li jiġi mogħti fil-kors tal-kawża u li ma jippreklud ix il-kontinwazzjoni tal-ġudizzju.*

*Digriet interlokutorju jżomm kawża milli titkompla jekk sa kemm id-digriet ma jiġix irrevokat, ma jibqa' xejn xi jsir fil-kawża u, konversament, jekk sabiex il-kawża tkun tista' titkompla r-revoka tad-digriet tkun indispensabbli.*

Il-Qorti: –

Rat l-imputazzjoni li l-imsemmi Galea kien naqas milli jmantni lil martu u lil uliedha kif ordnat b'digriet ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili Sekond'Awla tat-22 ta' Marzu, 1990 u tat-3 ta' Mejju, 1990, u li kien ħallihom fil-bżonn;

Rat l-eċċezzjoni ta' l-imputat li ma kienx ġie nnotifikat b'dawk id-digrieti u għalhekk kellu jiġi lliberat mill-akkuża;

Rat id-deċiżjoni tal-15 ta' Frar, 1991 li biha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ċaħdet dik l-eċċezzjoni u ddifferiet il-kawża għall-kontinwazzjoni fuq il-mertu għall-15 ta' Marzu, 1991;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imputat Salvu Galea li bih talab il-Qorti tirrevoka dik is-"sentenza", u minflok tilqa' l-eċċezzjoni fuq imsemmija li kienet sollevata mill-appellant u tilliberah mill-imputazzjoni;

Rat l-eċċezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali ssollevata u rreġistrata fl-udjenza tat-28 ta' Awissu, 1991 li r-rikors ta' l-appell huwa null għaliex hu appell minn deċiżjoni li la hi appellabbli taħt l-artikolu 413(1) tal-Kodiċi Kriminali, u l-anqas, in kwantu li tammonta għall-provvediment interlokutorju, ma hi appellabbli in vista ta' dak li hemm ipprovdut fl-artikolu 415 tal-kodiċi

msemmi;

Rat l-atti l-oħrajn, u ttrattat l-appell, ikkunsidrat illi:

1. Għalkemm fir-rikors ta' l-appell id-deċiżjoni appellata hija msejħa "sentenza", m'hemmx dubju li din id-deċiżjoni hija realment digriet interlokutorju. Di fatti l-espressjoni "digriet interlokutorju" għandha sens ampju, b'mod li tikkomprendi mhix biss provvedimenti interinali jew ordinatorji mogħtija fil-kors tal-kawża, imma kull xorta ta' digriet (Kollez. XXXVIII.IV.915). Digriet interlokutorju huwa pronunzjament li jiġi mogħti fil-kors tal-kawża u li ma jipprekludix il-kontinwazzjoni tal-ġudizzju (Kollez. Vol. XXXIII.IV.884);

2. L-artikolu 415(1) tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi li l-"appell minn digriet interlokutorju li ma żżomx il-kawża milli titmexxa 'l quddiem, jista' jsir biss wara s-sentenza definittiva, u flimkien ma' appell minn din is-sentenza". Digriet interlokutorju jżomm kawża milli titkompla (a) jekk, sa kemm id-digriet ma jiġix irrevokat, ma jibqa' xejn x'isir fil-kawża, u (b) konversament, jekk sabiex il-kawża tkun tista' titkompla, ir-revoka tad-digriet tkun indispensabbli. (Il-Pulizija *vs* Duminku Azzopardi deċiża minn din il-Qorti fis-27 ta' Lulju, 1937, ċitata fil-paragrafu 70 ta' *Recent Criminal Cases Annotated* ta' L-Onor. Mħallef W. Harding);

3. Id-digriet appellat ovvjament ma ppreklud iex il-kawża milli titmexxa 'l quddiem. Effettivament l-ewwel Qorti, f'dan id-digriet, wara li ċaħdet l-eċċezzjoni ssollevata mill-appellant, iddifferiet il-kawża għall-kontinwazzjoni fuq il-mertu ta' l-imputazzjoni, liema mertu b'ebda mod ma ġie deċiż. Għalhekk skond l-artikolu 415(1) tal-Kapitolu 9 hawn fuq ċitat, l-appellant

ma setax jappellax, kif għamel, mill-istess digriet f'dan l-istadju. Ikun jista' jappella minnu wara li tiġi ppronunzjata s-sentenza definittiva, flimkien ma' appell minn dik is-sentenza, u dan skond l-istess artikolu 415(1) imsemmi;

4. L-appellant ma setax jappella taħt l-artikolu 413(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali għaliex bid-digriet appellat, l-appellant ma ġiex misjub ħati;

Għalhekk tilqa' l-eċċezzjoni msemmija ta' l-Avukat Ġenerali u tiddikjara l-appell ta' Salvu Galea null;

Tordna li l-atti jiġu rimessi lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni tal-kawża.